MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 1/2013

**Joseph u Patricia konjuġi Borg**

**vs**

**Villas Malta Services Limited**

**Illum il-Ħamis, 20 ta’ Frar 2014**

Iċ-Chairman,

Ra r-Rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti, wara li ppremettew :

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru tnejn u sittin (62)m Bejta tal-Gamiem, Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex.

Illi s-soċjeta’ konvenuta hi debitriċi fil-konfront ta’ l-atturi għas-somma kumplessiva ta’ tlettax-il elf, tliet mija u sitta u għoxrin ewro (€13,326) u dana rappreżentanti ħlasijiet

ta' kirjiet dovuti mill-istess soċjeta' konvenuta u dovuti inkwantu għas-somma ta' sebat elef, tliet mija u sitt ewro (€7,306) ammont bilanċjali dovut għas-sena 2010 u ammont ta' sitt elef u għoxri ewro (€6,020) rappreżenanti l-ħlas ta' tliet kirjiet għas-sena 2011 kif ser jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi nonostanti diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u għaldaqstant kellha tiġi adottata din il-proċedura;

Talbu li dan il-Bord jogħġbu:

1. Jiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi fil-konfront tal-atturi fis-somma komplessiva ta' tlettax-il elf, tliet mija u sitta u għoxrin ewro (13,326) u dan kif spjegat hawn fuq;

2. Jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' tlettax-il elf, tliet mija u sitta u għoxrin ewro (13,326) flimkien mal-imgħax relattiv mid-dati tal-iskadenzi sal-ħlas effettiv;

Bl-ispejjeż u bl-interessi skont il-liġi, u b'riżerva għal kwalsiasi dritt ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-Riferta pożittiva tas-soċjeta ntimata li ġiet notifikata fl-esteru, kif jirriżulta mid-dokument esebit a fol. 11- 20 tal-proċess.

Innota li, minkejja din in-notifika, s-soċjeta' ntimata għażlet li ma tweġibx u lanqas li tidher għal dawn il-proċeduri.

Ra d-digriet tiegħu tat-23 ta' Jannar 2014 fejn ordna l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża: ċitaz. Nru. 95/2011 JD fl-istess ismijiet.

Ra l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti esebiti f'dik il-kawża.

Ra l-atti l-oħra kollha tar-Rikors.

Ra d-digriet tiegħu tat-23 ta' Jannar 2014, fejn ħalla r-Rikors għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' dan ir-Rikors, il-konjuġi Borg qegħdin ifittxu li jitħallsu mingħand is-soċjeta ntimata l-bilanċ dovut lilhom għall-kiri tal-*farmhouse* tagħhom fiż-Żebbuġ, Għawdex, lill-istess soċjeta' ntimata. Huma qegħdin jirreklamaw s-somma komplessiva ta' tlettax il-elf, tliet mija u sitta u għoxin euro (€13,326), u ċioe' sebat elef, tliet mija u sitt euro (€7,306) ammont bilanċjali dovut għas-sena elfejn u għaxra (2010) u sitt elef u għoxrin euro (€6,020) għal tliet kirjiet għas-sena elfejn u ħdax (2011), flimkien mal-imgħaxijiet relattivi.

Mill-provi prodotti[1] jirriżulta li d-direttriċi tas-soċjeta' ntimata ċerta Cyrille Bocaccio kienet tikri mingħand ir-rikorrenti l-*farmhouse* li dawn għandhom iż-Żebbuġ, bl-iskop li minn żmien għal żmien tibgħat xi turisti li jkunu miftehma magħha jqattgħu l-vaganzi tagħhom fiha. Għal dawn il-kirjiet hija kienet tħallas lir-rikorrenti kull sena b'lura. Ġara pero' illi dan l-aħħar in-negozju ma tantx jidher li kien sejjer tajjeb, u l-ħlasijiet ma baqgħux isiru regolarment bħal qabel, sakemm inqatgħu għal kollox.

Mix-xhieda mbagħad tal-*accountant* tar-rikorrenti u mid-dokumenti minnu esebiti,[2] toħroġ spjegazzjoni ta' kif ir-rikorrenti waslu għas-somma minnhom pretiża. L-awditur tas-soċjeta' ntimata konferma wkoll li r-rikorrenti kienu qalulu b'dan in-nuqqas ta' ħlas, imma ma kellu ebda struzzjonijiet f'dan ir-rigward mingħand id-direttriċi tal-kumpanija.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, ċ-Chairman ma jsib ebda raġuni għaliex għandu jiddubita mill-veraċita' ta' dak li qed

[1] Ara affifavits tar-rikorrenti, esebiti bhala dokti. PB u JB a fol. 90 – 110 tal-kawża: citaz. 95/2011, u d-dokumenti magħhom annessi
[2] Ara affidavit Dok.JD a fol.111 u d-dokumenti annessi a fol. 112- 116 tal-istess kawża

jingħad, u għalhekk huwa tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti jistħoqilhom jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi jiddeċidi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u:

1. Jiddikjara lis-soċjeta' ntimata "Villas Malta Services Limited" debitriċi tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' tlettax-il elf, tliet mija u sitta u għoxrin euro (€13,326), rappresentanti bilanċ ta' hlas ta' kera tal-fond numru 62, "Bejta tal-Gamiem", Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex, għas-snin 2010 u 2011; u

2. Jikkundanna lill-istess soċjeta' ntimata sabiex tħallas dan l-ammont, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-iskadenza rispettiva sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' ntimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------